

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 407/2013****tat-23 ta' April 2013**

**li jikkoreġi l-verżjoni Spanjola u dik Svediża tar-Regolament (UE) Nru 475/2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1 u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 19**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Hemm żbalji fil-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola u l-lingwa Svediża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 475/2012 <sup>(2)</sup>, aktar preċiżament fl-Artikolu 2 tiegħu fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tal-emendi li saru mir-Regolament lir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 <sup>(3)</sup>.
- (2) Il-verżjoni bil-lingwa Svediża tar-Regolament fiha wkoll xi żbalji tal-istampar.
- (3) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 475/2012 għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(4) Billi l-kumpaniji huma meħtieġa li japplikaw l-emendi magħmula mill-punti 1 u 2 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 475/2012, sa mhux aktar tard, mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħhom li tibda fl-1 ta' Lulju 2012 jew wara, dan ir-Regolament għandu japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2012.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan jikkonċerna biss il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola u l-lingwa Svediża.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2013.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 146, 6.6.2012, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.